# BirdLife Malta tniedi programm ġdid tan-natura waqt il-Konferenza Nazzjonali tal-Malta Girl Guides

## Iddisinjati *nature badges* ġodda biex iħeġġu aktar żgħażagħ jirrelataw mal-ambjent naturali tagħhom

Fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet, it-tim edukattiv ta' BirdLife Malta attenda l-Konferenza Nazzjonali tal-Malta Girl Guides f'Tas-Sliema fejn kien imniedi programm ġdid tan-natura mal-Malta Girl Guides.

Din l-inizjattiva ġdida nħolqot biex tinkorpora l-element tat-tagħlim fuq barra fil-programm attwali tal-Girl Guides bl-iskop li tiżdied il-kuxjenza favur l-ambjent fost il-membri tal-Girl Guides. Bħala parti mill-programm, il-Guides se jkollhom ukoll l-opportunità li jakkwistaw erba' *nature badges* ġodda waqt l-attivitajiet tagħhom li jiffukaw fuq aspetti differenti tan-natura – mill-esplorazzjoni ta' ambjenti lokali differenti għall-konservazzjoni ta' zoni protetti u l-ispeċi li jgħixu fihom.

Inħolqu wkoll riżorsi onlajn u programmi ta' *leader training* li se jgħinu biex dan il-programm jiġi attwat mil-*leaders*, il-ġenituri u l-*carers*. Dawn ir-riżorsi addizzjonali għandhom l-iskop li jtejbu u jiżviluppaw il-ħiliet, l-għerf u l-fiduċja fil-*leaders* li jaħdmu fost iż-żgħażagħ b'mod li dawn ikunu kapaċi jmexxu b'mod effettiv attivitajiet edukattivi fuq barra li jressqu lit-tfal eqreb lejn in-natura.

Il-programm il-ġdid isegwi s-suċċess tal-parteċipazzjoni tal-Malta Girl Guides fil-Youth Leader Training ta' BirdLife Malta bħala parti mill-proġett Lifelong Learning through Nature (LLN) li l-iskop tiegħu hu li jtejjeb l-edukazzjoni ambjentali fost kategoriji differenti.

F'kummenti dwar din il-kollaborazzjoni ġdida ma' BirdLife Malta, iċ-Chief Commissioner tal-Malta Girl Guides Marjoe Abela qalet: "Li wieħed jirrelata man-natura waqt li jkun qed jieħu sehem f'attivitajiet bħal *camping, trekking, abseiling* u oħrajn hu sabiħ u importanti għas-saħħa fiżika u mentali. Imma li napprezzaw l-ambjent ta' madwarna permezz ta' dawn l-attivitajiet hu pass 'il quddiem li jwassal biex l-esperjenza tat-tagħlim fuq barra tkun waħda aktar sħiħa.

Din is-sħubija ma' BirdLife Malta se tgħin lil-*leaders* tagħna biex iħeġġu lit-tfajliet fil-gruppi li jmexxu biex jistinkaw ħalli jakkwistaw il-*badges* il-ġodda. L-impjegati ta' BirdLife Malta qed jipprovduna bir-riżorsi, żjarat u attivitajiet fir-riservi naturali tagħhom li jikkumplimentaw il-kurrikulu u jimmotivaw lill-Guides biex

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

josservaw u jesperjenzaw l-ambjent naturali permezz tal-attivitajiet li jieħdu sehem fihom. Fl-istess ħin qed jiġu mħeġġa wkoll biex iħarsu l-ambjent u jkunu konxji tat-theddid ambjentali li jeżisti.

Il-programm tal-Malta Girl Guides għandu l-għan li jippromwovi *issues* li huma rilevanti għall-membri tagħna. Għalhekk, li nrawmu passjoni għall-ħarsien tal-ambjent naturali u l-ispeċi differenti fost il-membri tagħna jħalli effett ukoll fuq il-familji tagħhom, il-ħbieb u l-bqija tal-komunità".

Min-naħa tagħha l-Education Officer ta' BirdLife Malta Sarah Brady sostniet: "BirdLife Malta tgħożż l-esperjenza ta' din il-kollaborazzjoni mal-Malta Girl Guides li wasslet għall-iżvilupp ta' dan il-programm ġdid ta' *nature badges*, *leader training* u riżorsi edukattivi. Inħares 'il quddiem lejn it-tkomplija ta' din is-sħubija u nħeġġeġ lil-*leaders* u l-membri tal-Malta Girl Guides biex ikomplu jirrelataw man-natura, jitgħallmu dwar l-ambjent u jagħtu l-appoġġ tagħhom biex tittieħed l-azzjoni meħtieġa ħalli nkomplu nħarsu l-ambjent naturali Malti".

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/phLwDvmYYl** (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1-4. L-erba' *nature badges* ġodda li ġew żviluppati għall-Malta Girl Guides
5. Il-Konferenza Nazzjonali tal-Malta Girl Guides li saret f'Tas-Sliema
6. L-Education Officer ta' BirdLife Malta Sarah Brady tippreżenta l-*badges*
7. It-tim tal-edukazzjoni ta' BirdLife Malta mar-rappreżentanta tal-Malta Girl Guides Chiara Attard

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna